REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1769

tal-25 ta' Novembru 2020

dwar ir-rimborż, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja tal-2020

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(6) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) F'konformità mal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-approprjazzjonijiet mhux impenjati li jirrigwardaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG), kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jistgħu jiġu riportati għas-sena finanzjarja ta' wara. Dan ir-riport huwa limitat għal 2 % tal-approprjazzjonijiet inizjali vvutati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u għall-ammont tal-aġġustament tal-pagamenti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li kien applikat matul is-sena finanzjarja ta' qabel.

(2) F'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, b'deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Istati Membri jridu jirrimborżaw ir-riporti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 lill-benefiċjarji finali li huma soġġetti għar-rata ta' aġġustament fis-sena finanzjarja li għaliha jiġu riportati l-approprjazzjonijiet. Dak ir-rimborż japplika biss għall-benefiċjarji finali f'dawk l-Istati Membri fejn id-dixxiplina finanzjarja kienet tapplika ([4]) fis-sena finanzjarja preċedenti.

(3) Meta jkun qed jiġi stabbilit l-ammont ta' riport li jrid jiġi rimborżat, f'konformità mal-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, iridu jitqiesu l-ammonti tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu msemmija fl-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament li ma jkunux tqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-miżuri għall-kriżijiet sa tmiem is-sena finanzjarja.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1928 ([5]), id-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata għall-pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja tal-2019 biex tiġi stabbilita r-riżerva għall-kriżijiet. Ir-riżerva għall-kriżijiet ma ntużatx fis-sena finanzjarja tal-2020.

(5) Sabiex ikun żgurat li r-rimborż lill-benefiċjarji finali tal-approprjazzjonijiet li ma ntużawx minħabba l-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja jibqa' proporzjonat mal-ammont tal-aġġustament tad-dixxiplina finanzjarja, jixraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-ammonti disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż.

(6) Sabiex jiġi evitat li l-Istati Membri jkollhom jagħmlu pagament addizzjonali għal dak ir-rimborż, dan ir-Regolament irid japplika mill-1 ta' Diċembru 2020. Għaldaqstant, l-ammonti stabbiliti b'dan ir-Regolament huma definittivi u japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' tnaqqis f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE)

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([4]) Id-dixxiplina finanzjarja ma tapplikax fis-sena finanzjarja tal-2020 fil-Kroazja f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1928 tad-19 ta' Novembru 2019 li jadatta r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sena kalendarja 2019 u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/916 (ĠU L 299, 20.11.2019, p. 49).

Nru 1306/2013, għal kull korrezzjoni oħra kkunsidrata fid-deċiżjoni dwar il-pagament ta' kull xahar li tikkonċerna n-nefqa magħmula mill-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri għal Ottubru 2020, f'konformità mal-Artikolu 18 (3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u għal kull tnaqqis u pagament supplimentari li jrid isir f'konformità mal-Artikolu 18(4) ta' dak ir-Regolament, jew għal kull deċiżjoni li se tittieħed fil-qafas tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

(7) F'konformità mal-frażi introduttorja tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-approprjazzjonijiet mhux impenjati jistgħu jiġu riportati għas-sena finanzjarja ta' wara biss. Għalhekk jixraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi d-dati ta' eliġibbiltà għan-nefqa tal-Istati Membri b'rabta mar-rimborż f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, filwaqt li tqis is-sena finanzjarja agrikola kif iddefinita fl-Artikolu 39 ta' dak ir-Regolament.

(8) Peress li l-ammonti li jridu jiġu riportati u magħmula disponibbli jikkonċernaw il-baġit tal-2021, mill-Artikolu 135 (1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jirriżulta li ma hemmx bżonn li jiġi stabbilit ammont fir-rigward tar-Renju Unit f'dan ir-Regolament.

(9) Sabiex jitqies il-perjodu qasir taż-żmien bejn il-komunikazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-FAEG għall-2020 taħt ġestjoni konġunta għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru 2019 sal-15 ta' Ottubru 2020 mill-Istati Membri u minħabba l-ħtieġa li jiġi applikat dan ir-Regolament mill-1 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ammonti tal-approprjazzjonijiet li se jiġu riportati mis-sena finanzjarja tal-2020 f'konformità mal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu u mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u li, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, qed isiru disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż lill-benefiċjarji finali li huma soġġetti għar-rata ta' aġġustament fis-sena finanzjarja tal-2021, huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-ammonti li se jiġu riportati huma soġġetti għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riporti f'konformità mal-Artikolu 12 (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Artikolu 2

In-nefqa tal-Istati Membri b'rabta mar-rimborż tal-approprjazzjonijiet riportati għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament tal-Unjoni jekk l-ammonti rilevanti jkunu tħallsu lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru 2021.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Wolfgang BURTSCHER
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali